



# Il-Għargħuri Fra Dumink Mifsud O.F.M.

**Eman Bonnici**

Jekk wieħed jasal wasla sal-Knisja ta' Santa Marija ta' Ġesu' fil-Belt Valletta, popolarment magħrufa fostna l-Maltin bħala dik "ta' Ġieżu", isib għadd ta' relikwi devoti. Naturalment l-aktar li jispikka fosthom huwa l-Kurċifiss hekk ukoll imsejjaħ "ta' Ġieżu", li jingħad li hu xogħol it-twajjeb Frate Umile Pintorno minn Petralia Soprana, Palermu, li miet fid-9 ta' Frar 1639. Insibu wkoll il-fdal tal-Beatu Kjeriku Nazju Falzon (1815 - 1865), suttana ta' Mons. San Franġisk Fogolla OFM., Isqof Taljan li ħa l-martirju fiċ-Ċina, u li għadda li Mons. Pio Vidi OFM., waqt li dan ta' l-aħħar kien fi triqtu lura lejn pajjiżu, l-Italja, fejn eventwalment qatt ma' wasal għax temm l-martirju tiegħu hawn Malta sewwasew fil-Kunvent tas-Sacro Cuor ġewwa tas-Sliema nhar it-28 ta' Awissu ta' l-1906, fejn għex għal sitt snin, filwaqt li fis-Sagristija, wieħed jilmaħ kaxxa tal-injam b'kitba li tgħid "Eius corpus in Sacrario in lignea arca auro ornata asservatur" (skond l-Historia Chronologica Provincae Observantis Vallis Noeti, ta' l-1681), li fiha tiġbor l-fdal għażiż ta' Ajk umli u twajjeb Franġiskan, li miet ġewwa Noto, fi Sqallija.

## Iżda min kien sewwasew dan l-Ajk? U għaliex qegħdin inġibu l-ħajja fil-qosor tiegħu hawnhekk?

Dumink Mifsud twieled ġewwa Ħal - Għargħur fl-inħawi msejjaħ "tal-Qortin", (Kortin il-Cbir), qrib il-Kappella tal-Assunta, għall-bidu tas-Seklu Sittax, minn familja ta' bdiewa, liema sengħa huwa ħaddan fl-eta' żagħżugħa tiegħu. Jingħad, li sa ftit snin ilu, ix-xjuħ tal-Għargħur kienu juru bir li jinsab qalb ir-raba', li skond l-użanza jingħad li kien tħaffar mill-istess Ajk tagħna, Fra Dumink. Devotissimu tal-Verġni Mbierka, jissemma' li kien ta' spiss jagħmel pelleġrinaġġ bil-mixi minn Ħal - Għargħur għas-Santwarju tal-Madonna tal-Mellieħa.

Iż-żagħżugħ Għargħuri, ħaddan l-Ordni tal-Patrijiet Franġiskani Minuri Osservanti ġewwa r-Rabat. Nafu li dawn il-Patrijiet kellhom stima kbira għad-devozzjoni assidwa tagħhom. Kienu bosta dawk in-Nobbli ta' l-Imdina li ħallew ġidhom lilhom u saħansitra ssieħbu magħhom bħala Frajiet. Saħansitra l-Gran Mastru Philippe Villiers de L'Isle Adam ħallas minn butu sabiex tinbena parti ġdida mill-Kunvent, fejn hu stess kellu żewġ ċelel, u fejn eventwalment miet nhar il-21 t'Awissu ta' l-1534. Skond ix-xewqa tiegħu stess, qalbu ġiet midfuna ġewwa l-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani. Iċ-ċella li fiha miet il-Granmastru, kienet mgħammra għal bosta snin minn Għargħuri ieħor, P. Ġużepp Beneditt Xuereb OFM., li miet fl-2007.

F'dan il-Kunvent, għamara ta' erwieħ qaddisa, Fra Dumink żejjen ruħu b'mod mill-aktar osservanti u rett. Fil-Kjostru ta' dan il-Kunvent, kien għadu jidher sa ftit żmien ilu xriek fuq żewġ ġebliet li jingħad li Fra Dumink kien juża bħala sodda. Magħruf għall-ħajja eżemplari tiegħu, Fra Dumink jissemma' li kien magħżul biex iservi l-Fraternita' bħala Gwardjan.

Wara li għaddha bosta snin f'dan il-Kunvent, il-Provinċjal assenjah ġewwa l-Kunvent ta' Noto fi Sqallija, fejn baqa' sakemm miet. L-istoriċi tal-post, faħħru bil-bosta l-karattru umli u twajjeb dan l-Ajk fil-kitbiet tagħhom. Magħruf għall-karita' kbira li kien jagħmel mal-fqajrin tal-post, huwa kien idur mat-toroq liebes ilbies l-aktar fqir, jagħti l-pariri fejn jista', u saħansitra jissemma' li kien imżejjen bid-don tal-mirakli. Att ta' fejqan mirakoluż jidher li kien attribwit lilu, kif insibu fil-"Croniche Francescane" ta' Venezia tal- 1621, miktuba minn Cimarelli, li jgħid "il Beato Fra Domenico da Malta fu molto illustre di miracoli operati

cosi' in vita come in morte per il che viene stimato molto e tenuto in gran venerazione dal popolo di quella citta' di Noto e suoi circonvicini".



Magħruf ukoll għall-profeziji tiegħu, l-aktar waħda li tissemma' kienet dik dwar l-Assedju l-Kbir fuq l-ġżejjer Maltin fl-1565. Jingħad li Fra Dumink kien imnebbaħ li Malta għad tgħaddi minn assedju kbir, iżda li wkoll għad toħroġ finalment rebbieħa. Kif nafu, dan kollu seħħ tassew, għax fit-8 ta' Settembru 1565, kien Jum il-Vitorja. Hawn ta' min ukoll isemmi lil P. Robertu Novella, Kapuċċin minn Eboli, li jingħad li fid-29 ta' Awwissu ta' dik l-istess sena, waqt li huwa kien jassisti l-moribondi fuq is-swar, kellu viżjoni ċelesti, fejn ipprofetizza li r-rebħa għad tasal fit-8 ta' Settembru.

Fra Dumink kellu wkoll tħabbira li l-mewt kienet fil-qrib, għaldaqstant ipprepara ruħu sabiex imur jirċievi l-ħlas ta' għemilu. Huwa miet ġewwa l-Kunvent ta' Santa Marija ta' Ġesu' tal-Franġiskani f'Noto nhar l-1 ta' Mejju 1570. Mal-aħbar tal-mewt, folol kbar ta' nies ħonqu l-Kunvent sabiex isellmu għall-aħħar darba l-katavru ta' dan l-Ajk twajjeb waqt li kien jinsab espost. Jissemma li l-funeral tiegħu ra s-sehem ta' mijiet ta' nies.

Maż-żmien, il-fdal ta' dan l-Ajk Għargħuri kien maqlugħ mill-qabar u mqiegħed f'urna fis-Sagristija tal-Knisja, sabiex hekk id-devoti tiegħu ikollhom aktar aċċess faċli biex jersqu quddiemu għat-talb tagħhom. Ftit tas-snin ilu, kif wieħed innota fil-bidu ta' dan l-artiklu, l-fdal tiegħu nġib hawn Malta fil-Knisja ta' Ġieżu fil-Belt Valletta.

Minkejja li uffiċċjalment, Fra Dumink qatt ma kien iddikjarat bħala Beatu, in-nies ta' Noto għadhom sal-llum tirreferi għalih bħala "il Frate Beato", dan xhieda ta' kemm kien miżmum ta' qaddis min-nies tal-post.

Hawn Malta, wkoll l-ispirtu ta' Fra Dumink kien miżmum b'devozzjoni. Din tidher mill-kwadri li tpittru hawnhekk. Fil-Kunvent tal-Patrijiet ta' Ġieżu fil-Belt, kien hemm kwadru li kien juri lill-Beatu Bonaventura de Caro mis-Siġġiewi fuq naħa u lill-Beatu Dumink Mifsud fuq in-naħa l-oħra b'Kurċifiss fin-nofs. Sfortunatament, illum dan il-kwadru tqatta' u spiċċa.

Kwadru ieħor jinsab fil-Kunvent tal-Patrijiet ta' Ġieżu ġewwa r-Rabat, bi skrizzjoni sabiħa bil-Latin li tgħid, "B. F. Dominicus a Melita Laicus, Suae Professionis Zelantissimus: In Conventu S. Mariae de Jesu Apud Netinos Tam in Vita Quam in Morte Miraculis Claruit Cuius Corpus in Maxima Veneratione Apud Eosdem Est Tentus." Il-kwadru juri lil Fra Dumink mitluf fit-talb quddiem il-Kurċifiss b'ħarstu merfugħa lejn is-sema.



Insibu żewġ kwadri oħra ta' dan l-Ajk, wieħed fl-Awla Magna ta' l-Universita' tal-Belt, bi skrizzjoni twila bil-Latin taħtu, u ieħor, kif inhu xieraq, fis-Sagristija tal-Parroċċa ta' San Bartilmew Appostlu ta' raħal twelidu, ġewwa Ħal - Għargħur, li sar permezz tat-tħabrik ta' Dun Salv Gaffiero, fiż-żmien li kien iservi ta' Kappillan ta' dan ir-raħal u li aktar tard irċieva l-Episkopat, bi skrizzjoni Latina taħtu li tgħid, "B. Dominicus Ord. Min. Obser. Laicus Meliten. Ex Cas. Gargur In Vita Et Post Mortem Miraculis Clarus Kal. Maii Anno 1570 Noeti Obdormivit In Domino Eiusque Corpus In Magna Veneratione Colitur. Ex Martyr. Francis. Sub die 1 Februarii."

Jalla, d-devozzjoni ta' l-Għargħurin lejn dan ħuhom terġa' tqum mill-ġdid kif inhu xieraq, biex hekk isem Fra Dumink ikun fuq fomm kulħadd matul il-ħin tat-talb, u hekk bosta jirrikorru lejh, kif kienu jagħmlu missirijiethom l-Għargħurin snin ilu.

Riferenzi :


Beatu Dumink Mifsud O.F.M. : Kelmtejn fuq il-Ħajja u Qdusija tal-Beatu Dumink Mifsud O.F.M. Ajk Franġiskan ta' Ġieżu tas-Seklu Sittax - Miġburin minn Kittieba Qodma minn P. Ġorġ Xerri, Lettur Ġubilat OFM, b'Imprimatur minn Mons. Emanuele Galea, Vigarju Ġenerali ta' Malti, maħruġ mill-Kurja fid-19 ta' Awissu 1935, bin-Nihil Obstat maħruġ jumejn qabel minn P. Antonin M. Tonna Barthet OSA., Ċensur Teoloġiku, fi żmien il-Provinċjal P. Pietru Muscat OFM., ;

Il Beato Domenico di Malta, vissuto nel convento netino di Gesu' in fama di santita' umile e profetica (+ Noto, 1570), Edizione Pro Noto, ta' Salvatore Guastella ;



# Is-Sala tal-Każin San Bartilmew
## Għargħur
***tinkera għal kull okkażjoni***
***ta' parties tal-Preċett, Griżma, Magħmudijiet, eċċ.***

**Għal aktar informazzjoni jew booking**
**ċemplu: 2143 4791**

20 Years Experience

# J & A ALUMINIUM
**Aluminium & Iron Works**



- for aluminium profiles & fittings
- apertures / fixtures
- louvres • art metal works
- insect screens • balconies
- balustrades & handrails
- furniture, wrought iron
& much much more



Garage 8, Drive In, Triq il-Karmnu, Fgura FGR 2106
Tel: 2180 6693 | Mob: 9944 0418